KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**5/19**

**Minuti tal-ħames (5) Laqgħa tad-dsatax il-sena tas-seba' (7) Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Sindku** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | **-** | **Kunsillier (bagħat ittre kellu eżami wasal fis 7.10 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | **-** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Skużat:** | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Viċi Sindku (bagħat ittre, imsiefer)** |
| **Mistiedna:** | **Perit Anthony Bezzina** | | |
| | **Is-Sur Clayton D'Amato** | | |

**Aġenda:**

1. Talba

2. Qari w approvazzjoni tal-minuti - 2/19 (15/4/2013) u 3/19 (24/4/2013)

3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

4. Korrispondenza

5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

6. Ilmenti

7. Ordnijiet tal-Ġurnata

   (a) Kumitat Ġieħ tal-Għażla

   (b) Bord tal-Aġġudikazzjoni

   (c) Rapport Amministrattiv 2012

   (d) *Residential Parking Scheme*

   (e) *Financial Statements* - Marzu 2013

8. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9. Aġġornament

---

Il-laqgħa bdiet fis-6.38 ta' filgħaxija.

***1 Qari u approvazzjoni tal-minuti 3/19 (24/4/2013):***

1.1 Is-Sindku beda l-laqgħa ta' tkomplija tal-laqgħa preċedenti bil-qari u approvazzjoni tal-minuti 3/19 (24/4/2013).

1.2 Minuta 2.1.5 biex tiżdied 'ikun' wara 'biex'

1.3 Minuta 2.2.1 il-kelma 'jisimu' issir 'jisimgħu'

1.4 Minuta 3.1 biex tiżdied 'ser' qabel 'jiktbu'

1.5 Minuta 3.3.3 'u' biex issir 'hu' wara 'Sindku'

1.6 Minuta 3.3.10 il-kelma 'Distric' issir 'District'; biex titneħħa 'l-' qabel 'għad'

1.7 Minuti minn '3.3.10' sa '3.3.23' biex isiru '3.3.11' sa '3.3.24'

1.9 Minuta 3.3.22 il-kelma 'probabli' issir 'probabbli'

1.10 Minuta 3.3.23 il-kelma 'jistgħa' issir 'jista''

1.11 Minuta 3.4.1 biex 's-Sur Anastasi kien ta gwida' issir 'il-Kunsill kien ta gwida'. Hawnhekk is-Sindku ma qabilx mal-korrezzjoni u talab għall-vot li ma tinbidilx il-minuta. Vot kien 5 favur u wieħed kontra (is-Sur Anastasi). Saret diskussjoni fejn is-Segretarju Eżekuttiv (SE) għandha tisma' r-*recording* ta' din il-minuta.

1.12 Is-Sindku talab biex jiġu approvati l-minuti imma s-Sur Anastasi qal li kien għad kellu iżjed korrezzjonijiet u li oġġezzjona għal mod ta' kif is-Sindku waqqaf it-tkomplija tal-korrezzjonijiet għall-minuti. Huwa qal li s-Sindku qiegħed jimxi b'mod arroganti u dittatorjali.

1.13 Is-Sindku approva l-minuti. Is-Sur Anastasi qal li huwa ħa ikompli l-laqgħa taħt protest. Is-Sindku wieġbu li jekk ser jkompli ~~jitkellem~~, itellef huwa ser jissosspendieħ mill-laqgħa.

***2 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti: Minuta 2.1.1 Ordinijiet tal-gurnata:***

***2.1 Sotto kumitati:***

2.1.1 Is-Sur Silvio Vella għadda l-ismijiet tal-membri tas-Sotto Kumitat tal-Ambjent u Gonna: Silvana Farrugia, Stanley Azzopardi, Justin Grech, Jesmond Zerafa u Philip Cachia. Il-membri tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku huma: Mario Coleiro, Martin Pace, Katya Ancilleri, Madeline Scerri, Mario Calleja, Mario Grixti u Pauline Vella. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni għall-membri ta' dawn is-Sotto Kumitati.

2.1.2 Is-Sur Jason Mangani għadda l-ismijiet tal-membri tas-Sotto Kumitat tal-iSports: Raymond Romano, Karl Borg, Darren Pace, Joe Carbonaro, Twanny Cauchi u Juan Carlos Mangani. Il-membri tas-Sotto Kumitat tal-Anzjani, familja, qasam soċjali u persuni b'bżonnijiet speċjali: Leonard Grech, Julia Zammit, Elizabeth Vella, Doreen Mangani, Melissa Pace. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni għall-membri ta' dawn is-Sotto Kumitati.

2.1.3 Hawnhekk daħal il-Kunsillier is-Sur Darren Carabott fis-7.10 ta' filgħaxija u ħa postu madwar il-mejda.

~~2.1.3~~ 2.1.4 Il-Kunsillieri Elizabeth Vella, Horace J Anastasi u Darren Carabott ser jippreżentaw l-ismijiet tal-membri tas-Sotto Kumitati tagħhom fl-laqgħa oħra.

~~2.1.4~~ 2.1.5 Is-SE għandha tikteb lid-DLG biex tara jekk Sotto Kumitat jistax jiltaqgħa f'bini ieħor peress li hemm membru tas-Sotto Kumitat bi bżonnijiet speċjali fil-mobilita' u l-bini tal-Kunsill ta' Santa Venera mhuwiex aċċessibbli peress li għandu 3 turġien.

***3 Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

3.1 Hawnhekk is-Sindku talab għas-sospenzjoni tal-laqgħa sabiex imorru għat-tema numru 8 tal-Aġenda peress li daħal il-Perit Bezzina u l-Assistant tiegħu is-Sur Clayton D'Amato fis-7.09 ta' filgħaxija.

3.2 Is-Sindku stieden lil-Perit Bezzina ħalli jagħti spjegazzjoni fuq il-mistoqsijiet li qamu mill-Kunsillieri waqt il-Laqgħa b'Urġenza li saret fit-13 ta' Mejju 2013.

3.2.1 ***Dislivelli***: Il-Perit Bezzina ta' spjegazzjoni sħiħa fuq d-dislivelli li nstabu f'Misraħ Santa Venera fejn l-art minn 53.53 cm tinżel għal 53.26 cm. Saret diskussjoni fuq l-ilmijiet li jinżlu meta tagħmel ix-xita u li l-ilma b'dan id-dislivell qawwi ser jidħol fid-djar u l-garaxxijiet tar-residenti li joqogħodu hemm. Huwa suġġerixxa li l-ilma jista' jinqasam fuq żewġ naħat. Huwa żied jgħid li min-naħa għall-oħra tal-pjazza hemm 27 cm differenza. Kif isir it-*tarmac*, id-dislivell ser jidher sew u l-ilma jiskula iżjed. Huwa semma r-rampa għall-aċċessibilita' li trid issir skont l-*istandards* tal-KNPD u li kellu jirranġa żewġ *parking slots* biex jagħmel *parking slot* għal persuni b'diżabilita' ikbar. Is-Sur Anastasi qal li s-Sinj Stagno Navarro kien ġibdilha l-attenzjoni fuq iż-zebra crossing. Issemmiet l-*inspection box*, l-ispira, u s-sienja u l-*culvert* li hemm fi Triq Braille u l-ġibjun fi Triq Misraħ il-Barrieri bħalha possibilitajiet fejn jista' jmur l-ilma. Saret diskussjoni fuq id-dislivelli u x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

3.2.2 Is-Sur Anastasi ċċara l-punt li huwa u s-SE kienu tkellmu mas-Sinj Stagno Navarro meta saret il-laqgħa rigward is-servizzi mar-rapprezentanti tal-Go, tal-WSC, tal-Enemalta, tal-Melita u kien hemm ukoll il-Perit tal-Kuntrattur Schembri Barbros, huma kienu ġibdu l-attenzjoni lis-Sinj Stagno Navarro u lil min kien hemm preżenti biex jieħdu ħsieb li jkun hemm is-*supply* tad-dawl kemm għaz-zuntier, kif ukoll għal funtana u għall-istatwa li ser jkun hemm fil-pjazza. Ġie ikkonfermat li l-pedastal tal-istatwa qiegħed inkluż fit-*Tender*.

3.2.3 Is-Sindku kkonferma mal-Perit li huwa kien stiednu biex jattendi t-Tnejn li għadda għal-Laqgħa b'Urġenza dwar Misraħ Santa Venera u l-Perit ma setghax jattendi. Is-Sur Anastasi qal li dawn id-diskussjonijiet ma setgħu qatt jiġu diskussi fuq il-*mobile* waqt il-Laqgħa b'Urġenza, kif kien se jagħmel is-Sindku, għax kien importanti li l-Perit ifiehem il-Kunsillieri fuq il-pjanta u li jkun preżenti għall-mistoqsijiet tagħhom. Is-Sindku qal li jridu jiddeċiedu x'ħa jsir fuq id-dislivelli minħabba s-6 familji li jgħixu hemmhekk. Is-Sinj Elizabeth Vella ssuġġeriet li jagħmlu laqgħa mar-residenti.

3.2.4 Is-Sur Anastasi talab il-Perit biex ikompli jistudja l-pjanta biex forsi joħroġ b'suġġeriment aħjar. Il-Perit ser jerġa jara sew il-pjanta u jara liema soluzzjoni jista' jagħti lill-Kunsill minħabba d-dislivelli. Għandhu jagħti stima kieku kellu jiżdied *culvert*, jelimina l-*planters* u jara x'jista' jsir fit-taraġ.

3.2.5 Is-Sur Sultana qal li l-proġett għandhu jitlesta sal-aħħar ta' Mejju għax jistgħu jitilfu l-fondi tal-<u>*Urban Improvement Funds*</u> (UIF). Is-SE iċċekjat il-kuntratt tal-UIF u nfurmat il-Kunsill li x-xogħol irid jitlesta sa l-aħħar ta' Ġunju. <u>Il-Kunsill talab għall-estensjoni tal-kuntratt</u>.

3.2.6 ***Madum***: Saret diskussjoni fuq id-disinn li ser isir bil-madum fil-*parking bays*. Is-Sur Sultana qal li l-madum tar-*terracotta* għad irid jinħadem u ħa jiġi jiswa madwar €1000 (360 $m^2$ x €3). Iz-zuntier ser jiġi jiswa madwar €8000. Is-Sur Anastasi qal li meta kien Sindku, huwa kien tkellem mas-Sur D'Amato u mas-Sinj Chantal Stagno Navarro li jekk il-madum ma jingħatax mill-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura, huma kellhom jagħmlu stima xorta fuq dan il-madum. Ġie ssuġġeriet li jekk jitneħħew il-*planters*, li jiffrankaw mill-*planters* jista' jmur għal madum taz-zuntier. Fejn ser jintuża l-madum *syrian* dan ser jiġi jiswa madwar €2400 ( €59 x 40 $m^2$).

3.2.7 ***Iz-Zuntier***: Il-Kunsillieri komplew bid-diskussjoni fuq iz-zuntier. Dan ser jiġi jiswa madwar €8000. Issemmiet ir-rampa għal persuna b'diżabilita' u li titnaqqas *parking slot* biex issir waħda għal min għandhu diżabilita'. Issemmew ukoll il-balavostri. Saret diskussjoni fuq l-

*uplighters* ħdejn il-knisja u ssemma l-arloġġ tad-dawl li ser jgħaddi s-servizz tal-elettriku għall-*uplighters*, l-istatwa kif ukoll għall-funtana.

3.2.8 Il-Perit Bezzina u s-Sur D'Amato ħargu mill-laqgħa fid-8.46 ta' filgħaxija.

3.2.9 Is-Sindku semmħa xi punti li tressqu quddiem il-Perit – id-dislivelli fejn il-Perit ser jerġa jara l-pjanta bil-possibilita' li jelimina l-*planters*, it-taraġ, u forsi jiżdied *culvert*. Id-disinn tat-*terracotta* li se jiġi jiswa €1000 (360 $m^2$ x €3), il-parking slot tal-persuni b'diżabilita' ser tiġi rranġata u se jintilef *parking bay* ieħor, u fil-pjazza ħa jkabbar *parking bay* biex jintuża minn persuni b'diżabilita'. Fuq il-balavostri hemm *additional cost* ta' madwar €2400 ( €59 x 40 $m^2$). *Uplighters* tal-Knisja se jgħaddi s-servizz tad-dawl kif ukoll l-funtana.

4 ***Is-Sindku kompla l-Laqgħa b'Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti*** – Sotto Kumitati: Is-Sindku staqsa lis-Sur Carabott, lis-Sinj Vella u lis-Sur Anastasi biex jgħaddulu l-membri tas-Sotto Kumitati tagħhom f'laqgħa oħra.

4.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-ismijiet tal-membri fuq il-Kumitat tal-Finanzi: Lawrence Aquilina, Anthony Azzopardi u Edwin Cassar. Is-SE trid tkun preżenti għal dawn il-laqgħat. Sotto Kumitat tal-Edukazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi: Dorian Cremona, Magdalene Scerri u Vince Cassar.

5 Is-Sindku ssosspenda l-laqgħa sabiex jmorru għax-*Schedule of Payments* 291 u 292 u għax-*Schedule* tal-*Petty Cash*.

5.1 ***Schedule of Petty Cash*** :

5.1.1 Numru 35 biex issir 'katnazz' u mhux 'serratura'

5.1.2 Numru 36 'altapost' biex issir 'Maltapost'

5.2 ***Schedule of Payment 291:***

5.2.1 Numru 111 - Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-SE sabiex tara li l-kont tat-Triq il-Lunzjata jaqbel mal-*Bills of Quantities* li bgħatt il-Perit.

5.2.2 Numru 130 - Is-Sindku talab lis-SE biex tgħaddi kopja tas-CD tar-ritratti tal-Quddiesa tat-Tifkira lill-Kunsillieri.

5.3 ***Schedule of Payment 292***

5.3.1 Numru 142: Saret diskussjoni fuq l-appell tat-*Tender* numru T/07/12 fejn il-Kunsill kien iddeċieda fuq *bidder* u li wieħed mit-*tenderers* appella d-deċizzjoni tal-Kunsill u l-każ instemgħa quddiem il-*Public Contracts Review Board* (PCRB). Is-Sur Sultana qal li huwa ma kienx jaf li kellu jmur b'avukat u għax ma ridx jidħol fi spejjez żejda. Dakinhar tal-*hearing* tal-PCRB marret is-SE u kien hemm ukoll l-eks Sindku s-Sur Anastasi għax is-Sindku ma setgħax jattendi, imma s-Sindku attenda għal-Bord li kien hemm wara, dwar l-appell fuq it-*tender* tar-Rawndebawt ta' Santa Venera. Wara li l-PCRB semgħu x-xhieda, l-Kunsill irċieva deċizjoni fejn il-Bord ta' raġun lill-appellant. Skont il-Bord tal-Kuntratti d-deċizjoni hija waħda inappellabbli u l-Kunsill intalab jrodd lura €400 li ħallas l-appellant biex jiftaħ l-appell. Is-

Sindku qal li d-deċizzjoni tal-PCRB kienet ċara. Is-Sur Anastasi kiteb lill-PCRB u l-PCRB wieġeb lura. Is-SE qrat l-ittre bid-data 15 ta' Mejju mibgħuta mis-Segretarju tal-Bord is-Sur Saviour Debono. Is-Sur Sultana sostna li d-deċizzjoni hija finali u s-Sur Anastasi qal li dik hija entita' u li hemm il-qorti kostizzjonali. Huwa qal li ċ-C*hairman* kiser kemm lis-Sur Anastasi u lis-SE waqt il-laqgħa tal-Bord. Is-SE stqarret li l-mara tas-Sur Owen Borg kienet importanti li tixhed għax hija kienet ġiet bit-tender u hi kienet stqarret li tefgħet id-dokumenti tat-tender fl-envelop u li nsiet titfa' d-dokumenti fit-*tender*. Is-SE qalet li Owen Borg ħa xiehda falza. Iċ-*Chairperson* dakinhar staqsa lil-Owen Borg jekk tefax id-dokumenti huwa stess fl-envelop imma l-mara tiegħu kienet li tefgħet id-dokumenti fl-envelop u hija marret tistqar dan mas-SE fl-uffiċċju tal-Kunsill li hija kienet insiet titfa' d-dokumenti li nstqabu nieqsa fit-*tender document*. Is-SE staqsiet kif huma għandhom iħallsu l-€400 lura meta ma kellhomx tort. Is-Sur Sultana qal li kellhom iqabbdu avukat biex jipprepara l-ittri għall-appellant u għat-tenderer li kien intgħażel. Is-Sur Anastasi ma qabilx mad-deċizzjoni tal-PCRB u li titħallas lura €400 lill-appellant u ivvota kontra dan il-kont. Ma kien hemm ħadd mill-Kunsillieri li vvotaw kontra dan il-kont.

5.4 Il-*Schedule tal-Petty Cash* u x-*Schedules of Payment 291* u *292* ġew approvati mill-Kunsillieri preżenti.

6 Il-laqgħa intemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Louise-Anne Gusman | Stephen Sultana |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Ikkonfermati llum, 10 ta' Ġunju 2013